**MALTA**

# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR**
**Dr. Anna Mallia**

Seduta tal-14 ta' Jannar, 2016.

Talba Numru: 425/2015 AM3

Numru fuq il-Lista: 21

**GO plc – C22334**
**Fra Diego, Marsa, MRS 1501**

**vs**

**Geraldine Odile Paule Zaratiegui (ID 41192A)**
**6, Karpju F/H,**
**Triq il-Belt Valletta,**
**Zurrieq**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ppreżentat fis-27 ta' Mejju, 2015 li permezz tieghu s-Socjeta' talbet il-hlas ta' erba` mija u erbgha u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€494.73c) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta'

kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C 40142708 moghtija mis-Socjeta' attrici lill-konvenuta.

Ra illi mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-avviz tat-talba u wkoll bl-avviz tas-seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra x-xhieda permezz tal-affidavit ta' Charmaine Psaila Wiffen in rapprezentanza tas-Socjeta` attrici li kkonfermat bil-gurament li l-ammont ghadu dovut mill-konvenuta fl-intier tieghu.

Ghaldaqstant, peress li t-talba tas-Socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-Socjeta' attrici s-somma t'erba` mija u erbgha u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€494.73c) bl-imghax legali kontra l-konvenuta sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**